MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Numru. 1473/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SANDRO ZARB**
**KONTRA**

**LAWRENCE SPITERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Lawrence Spiteri ta’ 48 sena, , bin John u Doris nee’ Portelli, mwieled Zejtun, nhar it- 23 ta’ Lulju 1960, residenti fil- fond ‘Serena’, Triq John Borg, Zejtun u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 499560(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fix- xhur ta' qabel is- 17 ta' Frar 2007 f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz bi ksur tal- Artikolu 188 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti rrisulta li l-imputat kien ghamel usu minn dokument falz sabiex jottjeni licenzja ta' arma tan-nar. Din il-Qorti semghet diversi kawzi b'mertu identiku, u tifhem li fic-cirkostanzi partikolari, ghandu jkun hemm mitigazzjoni konsiderevoli fil-piena, u dan peress illi kull applicant ghal dik il-licenzja, inkluz l-imputat, seta' gie zgwidat mill-persuni li kienu qed johorgu dawk id-dokumenti. Jidher li llum il-gurnata, din il-prassi skorretta giet regolarizzata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikolu 188 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------